

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Grupo Osborne, SA (El Puerto de Santa María, Spanja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: l-applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea TORRO Grande Meat in Style – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 744 452

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 1776/2017-2

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni;
- tikkundanna lill-EUIPO u lil Grupo Osborne S.A. għall-ispejjeż ta' "Torro Entertainment" Ltd. fir-rigward tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u fir-rigward tal-proċedimenti ta' appell u ta' oppożizzjoni.

### Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001;
- Ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tal-obbligu ta' diliġenza.

---

## Rikors ippreżentat fis-6 ta' Frar 2018 – Venezwela vs Il-Kunsill

(Kawża T-65/18)

(2018/C 134/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela (rappreżentanti: F. Di Gianni u L. Giuliano, avukati)

Konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela, sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jirrigwardaw lir-rikorrenti; u
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv li jalleġa li billi adotta l-miżuri restrittivi mingħajr ma informa minn qabel lir-rikorrenti bl-intenzjonijiet tiegħu u mingħajr ma sema' minn qabel il-pożizzjoni ta' din tal-aħħar dwar il-fatti li jiġġustifikaw il-miżuri restrittivi, il-Kunsill kiser id-dritt tar-rikorrenti li tinstema'.
2. It-tieni motiv li jalleġa li l-Kunsill kiser l-obbligu tiegħu ta' motivazzjoni kif ukoll l-obbligu tiegħu li jipproduċi provi suffiċjenti li jiġġustifikaw l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi.

3. It-tielet motiv li jallega li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-fatti li fuqhom huma bbażati l-miżuri restrittivi.
4. Ir-raba' motiv li jallega li l-miżuri restrittivi jikkostitwixxu kontromiżuri illegali taħt id-dritt internazzjonali konswetudinarju.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2018 – Tsapakidou vs Il-Qorti tal-Ġustizzja**

**(Kawża T-66/18)**

(2018/C 134/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Argyro Tsapakidou (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: E. Kleani, avukat)

Konvenuta: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Novembru 2017 (riferenza 2017/3939) li tiċħad l-offerta tar-rikorrenti sottomessa fir-rigward tal-avviż ta' kuntratti għal tradutturi freelance Nru 2017/S 002-001564 għal-lingwa Griega;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, skont liema atti amministrattivi għandhom ikunu suffiċjentement immotivati u għandhom jiddikjaraw il-prinċipji li huma bbażati fuqhom. Hija tonqos milli tissodisfa dawn il-kriterji. Ir-rikorrenti targumenta, b'mod partikolari, li l-ġustifikazzjoni pprovduta mill-konvenuta kienet insuffiċjenti fid-dawl tal-Artikolu 4.3.1. tal-ispeċifikazzjonijiet tal-avviż. Barra minn hekk, l-informazzjoni pprovduta lir-rikorrenti ma ppermettitilhiex tevalwa l-validità tar-riżultat miksub fit-traduzzjoni inkwistjoni suġġetta għal evalwazzjoni. Hija ma kellhiex informazzjoni dwar il-linji gwida ta' evalwazzjoni jew kriterji li abbażi tagħhom id-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata.

---

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Frar 2018 – CN vs Il-Parlament**

**(Kawża T-76/18)**

(2018/C 134/36)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: CN (rappreżentanti: C. Bernard-Glanz u A. Tymen, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli;
- tordna lill-konvenut jipproduċi s-sejbiet tal-Kumitat APA, il-minuti tas-smiġħ tax-xhieda li nstemgħu mill-Kumitat APA u l-fajl mibgħut lill-President tal-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 10 tar-Regoli Interni għall-Kumitat APA;